MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Numru. 508/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**SPEETTUR TREVOR MICALLEF**

**KONTRA**

**BILQASIM ABDULHALMID ALMOKHTAR bin Muhtar u Ajilya nee' Mansur, imwieled Gharian, Libya nhar it-28 ta' Frar, 1982, residenti l-Gzira, detentur tal-karta tal-passaport Libyan numru 983680 – Y;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **BILQASIM ABDULHALMID ALMOKHTAR** li gie akkuzat talli:

Nhar it-23 ta' Mejju, 2010, ghall-habta tat-2.55am gewwa Triq San Gorg, San Giljan, Malta, ingurja u hedded ufficjali

tal-pulizija, cioe' PS 157 Brian Mifsud u PC 750 Terry James Mallia, PC 68 Jeffrey Zammit, u PC 1514 Daniel Debattista, bhala persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura numru GVP 545 ghad-detriment tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, liema hsara ma  tiskorrix elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok ma obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni qieghda ssib lill-imputat hati, u dan wara li rat l-Artikoli 95, 339 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ,u qieghda ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1) ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta’ danni kagunati fi zmien jumejn (2) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------